TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 356/10

**Barry Zammit**

**vs**

**Melita plc**

Illum 14 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' Settembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf ewro (€1,000), rappreżentanti servizz ta' *mobile phone* li qed ibagħti mir-*reception* u ma jaqbadx kullimkien.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa daħal f'kuntratt tal-*mobile phone* għal sentejn mad-ditta intimata u qed jilmenta illi ħafna drabi ma jaqbadx kullimkien bil-konsegwenza li qed jitlef il-*business*.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub illi r-rikorrenti għandu kont tas-servizz tiegħu għoli mhux ħażin, illi dan ifisser li qed jużah ta' spiss u li qatt ma lmenta mad-ditta intima.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jikkonsidra illi r-rikorrenti ma lmentax mad-ditta ntimata li mhux qed ikollu servizz u li ma ġab l-ebda prova ta' dan li qed jitlef.

It-Tribunal, jikkonsidra li r-rikorrenti m'għandux raġun, stante li seta' jwaqqaf is-servizz immedjatament jekk verament ma kienx kuntent bih.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Av Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888